**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Gary Portelli**

**Kumpilazzjoni numru 654/2016**

**Illum 16 ta' Gunju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Gary Portelli** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 295390 (M) billi huwa akkuzat:

1. talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru, 2016 ikkommetta serq ta' cekkijiet tal-Bank BOV mahrugin fuq kont bankarju numru 40015644026 ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank BOV u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-persuna;

2. kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 t' Ottubru 2016, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz,

jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' elf u disa mitt Ewro (€1,900) ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank BOV u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

3. kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 t' Ottubru 2016, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' elf u sebgha mitt Ewro (€1,700) ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank BOV u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

4. kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fil-5 ta' Novembru 2016, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank BOV u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

5. kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fit-8 ta' Novembru 2016, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh

ta' sitt mitt Ewro (€600) ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank BOV u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

6. kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Novembru 2016, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' sitt mitt Ewro (€600) ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank BOV u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

7. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' iffalsifikajt cekkijiet numru 3440, 3439, 3438, 3437 u 3435 mahrug fuq kont bankarju tal-BOV bin-numru 40015644026;

8. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern,

9. talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikkjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' iffalsifikajt cekkijiet bin-numru 3440, 3439, 3438, 3437 u 3435 mahrug fuq kont bankarju tal-BOV bin-numru 40015644026;

10. talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

11. u aktar talli fil-21 t' Ottubru 2016, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus, liema serq sar ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' xi persuna/i, u/jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

12. u aktar talli fit-28 t' Ottubru 2016, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus, liema serq sar ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' xi persuna/i, u/jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

13. u aktar talli fil-5 ta' Novembru 2016, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus, liema serq sar ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' xi persuna/i, u/jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

14. u aktar talli fit-8 ta' Novembru 2016, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus, liema serq sar ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' xi persuna/i, u/jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

15. u aktar talli fis-17 ta' Novembru 2016, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus, liema serq sar ghad-dannu ta' Roderick Cini, Rosalie Cini u/jew ta' xi persuna/i, u/jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

Il-Qorti giet mitluba tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dehru l-Parte Civile li nfurmaw lill-Qorti li huma interessati biss li jigi rifunduti bil-danni, li huma €7,841.00.

L-Ufficcjal Prosekutur iddikjara illi l-akkuzi numru 11, 12, 13, 14 u 15 huma alternattivi ghall-akkuzi 2, 3, 4, 5 u 6.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.**

**Il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel ghaxar (10) imputazzjonijiet.**

Semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni, tal-parti leza u tal-imputat dwar il-piena.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu*

*jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-*

[1] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.
[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Qorti tirreferi ghal dak dikjarat mill-***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice* 2017**:

*Sentencing can range from a relatively complex task to a relatively straightforward one. At its most difficult, it is a complex balance in which conflicting goals have to be addressed.*

*Section 142[3] of the 2003 Act requires every court to have regard to five specified purposes—punishment, reduction of crime, reform and rehabilitation, protection of the public and the making of reparation to those affected by the offence.[4]*

Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [5]:

**"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 18, 169, 183 184, 261(d), 268, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap. 9, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet hdax (11) sa (15) u minnhom tilliberah u issib lill-imputat Gary Portelli hati tal-ewwel ghaxar imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sentejn priggunerija, pero` ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-

---

[3] Any court dealing with an offender in respect of his offence must have regard to the following purposes of sentencing—

- (a)the punishment of offenders,
- (b)the reduction of crime (including its reduction by deterrence),
- (c)the reform and rehabilitation of offenders,
- (d)the protection of the public, and
- (e)the making of reparation by offenders to persons affected by their offences.

[4] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1628: 22-1

[5] (1974) 60 Cr.App. R. 74.

piena m'ghandiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tliet (3) snin millum, l-imsemmi Gary Pace jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ihallas lill-vittmi Roderick u Rosalie Cini s-somma ta' sebat elef, erba' mija u wiehed u erbghin Ewro (€7441) liema hlas irid isir fi zmien tliet snin millum b'pagamenti mensili ta' mitejn u hamsa u ghoxrin ewro(€252).

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car l-import ta' din is-sentenza u qaltlu x'imhuma l-konsegwentzi jekk huwa jaghmel reat fi zmien operattiv ta' din id-decizjoni.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**